Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,406, 14 ta' Marzu, 2025

Taqsima B

A.L. 58 tal-2025

ATT DWAR ARTIJIET TAL-GVERN
(KAP. 573)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir- Regolamenti dwar Għoti ta' Konċessjoni Enfitewtika Temporanja liċ-Ċenswalist, Inkwilin jew Operatur ta' Proprjetà Kummerċjali tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 31(g)(L) u 77 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, il-Ministru responsabbli għall-Awtorità tal-Artijiet u l-Ministru responsbbli għall-ġustizzja għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Għoti ta' Konċessjoni Enfitewtika Temporanja liċ-Ċenswalist, Inkwilin jew Operatur ta' Proprjetà Kummerċjali tal-Gvern u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Għoti ta' Konċessjoni Enfitewtika Temporanja liċ-Ċenswalist, Inkwilin jew Operatur ta' Proprjetà Kummerċjali tal-Gvern, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 573.16.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "applikant" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

"Bord tal-Gvernaturi" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;";

(b) it-tifsira "użu rikonoxxut" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "użu rikonoxxut" tfisser l-użu li għalih l-art tkun ġiet konċessa inkluż dak l-użu tal-art rikonoxxut mill-awtorità jew li l-awtorità tikkunsidra li tirrikonoxxi.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tiegħu l-kliem "speċifikata fis-subregolament (3)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "speċifikata fis-subregolament (2)";

(b) il-proviso għall-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi

sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fejn l-użu rikonoxxut ma jkunx speċifikat fil-ftehim ta' konċessjoni jew kirja, l-awtorità għandha d-dritt li tirrikonoxxi l-użu bħala kummerċjali skont dawn ir-regolamenti:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll l-awtorità tista' wkoll tikkunsidra talba għal użu kummerċjali ġdid taħt waħda mill-kategoriji elenkati fl-Ewwel Skeda, diment li l-użu propost ikun kopert b'permess għall-iżvilupp jew liċenzja oħra meħtieġa skont il-każ.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) gabbani, għajr dawk il-proprjetajiet li jikkonsistu fi struttura mibnija b'mod permanenti li għandha użu ta' Klassi 4Ċ u 4D kif elenkat fl-Ewwel Skeda, koperti b'permess għall-iżvilupp jew liċenzja skont il-każ u li kienu diġà operattivi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att;";

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) tarznari tad-dgħajjes, għajr dawk il-proprjetajiet b'użu rikonoxxut skont wieħed mill-użi elenkati fl-Ewwel Skeda, koperti b'permess għall-iżvilupp jew liċenzja skont il-każ, u li kienu diġà operattivi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att;";

(ċ) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) proprjetajiet skedati, għajr dawk il-proprjetajiet b'użu rikonoxxut skont wieħed mill-użi elenkati fl-Ewwel Skeda, koperti b'permess għall-iżvilupp jew liċenzja skont il-każ:

Iżda l-għoti tal-konċessjoni taħt dawn ir-regolamenti għal tali proprjetajiet skedati għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità wara li jkun ġie stabbilit li l-għoti tal-konċessjoni ma jkun tal-ebda detriment għall-livell ta' skedar tal-proprjetà;".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu l-kliem "jew inkwilini differenti" għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem:

"jew inkwilini differenti, jew tinvolvi proprjetà addizzjonali tal-Gvern annessa mal-fond oriġinarjament konċess, u";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "Fi kwalunkwe każ li jinvolvi iktar minn fond wieħed (1) skont is-subregolament (1)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem: "Fil-każ ta' kwalunkwe applikazzjoni għal proprjetà li oriġinarjament kienet tikkonsisti f'fondi separati konċessi lil ċenswalisti u, jew inkwilini differenti, iżda li biż-żmien ġew amalgamati f'fond wieħed (1) skont is-subregolament (1)".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti principali.

6. L-ewwel proviso għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda kull tali applikazzjoni fejn jiġi stabbilit li l-proprjetà jew parti mill-proprjetà ma tkunx debitament koperta b'permess għall-iżvilupp jew ikunu qegħdin jiġu miksura xi drittijiet ta' terzi, għandhom jiġu eskluży mill-konċessjoni enfitewtika:".